MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2004

Appell Civili Numru. 59/2001/1

**General Precast Concrete Limited**

**vs**

**J.T.E. Limited**

**Il-Qorti,**

Fit-28 ta' Dicembru, 2001 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Ghawdex) ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal

Ra l-avviz tat-talba fejn is-socjeta' attrici ppremettiet illi s-socjeta' konvenuta ghandha thallasha l-bilanc ta' elf u sittax-il lira Maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lm1,016.81) dovuti ghall-forerituri ta' prestressed concrete slabs maghmula fuq inkarigu ta' l-istess socjeta' konvenuta, liema somma s-socjeta' konvenuta giet

inutilment interpellata sabiex thallas u baqghet inadempjenti.

Illi huma dovuti mis-socjeta’ konvenuta ukoll l-imghaxijiet kummercjali bir-rata ta’ tmienja fil-mija (8%) dekorribbli sad-data tal-pagament effettiv, ai termini ta’ l-artikolu 1141(1) tal-Kodici Civili;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali ta’ l-20 ta’ Settembru 2001.

Il-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. preliminarjament il-preskrizzjoni ta’ l-azzjoni attrici ai termini ta’ l-artikolu 2148(a) u (b) tal-Kap 16.

2. Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, il-preskrizzjoni ukoll ta’ l-azzjoni attrici ai termini ta’ l-artikolu 2149(a) tal-Kap 16.

3. Fil-mertu u minghajr l-ebda pregudizzju ghas-sueccepit, l-ammont pretiz mhuwiex gustifikat ghaliex gie saldat kif jista’ jigi pruvat.

4. Fi kwalunkwe kaz u dejjem minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-azzjonisti tas-socjetajiet rispettivi kkwantifikaw l-obbligazzjonijiet reciproci permezz ta’ ftehim milhuq fit-28 ta’ Mejju 2001, f’liema ftehim, is-socjeta’ li tikkontrolla s-socjeta’ attrici ma vvantat l-ebda pretensjoni fir-rigward tal-mertu ta’ dina l-kawza. Kien biss wara li ntlahaq il-ftehim imsemmi illi s-socjeta’ attrici bdiet tivvanta tali pretensjonijiet.

Sema’ x-xhieda u qara d-dokumenti esibiti

Ikkunsidra dwar l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet li jirrigwardaw il-preskrizzoni skond Art 2148(a) u (b) u Art2149(a) ta’ Kap 16

Illi din il-kawza tirrigwarda l-hlas ta’ fornitura ta’ *prestressed concrete slabs.*

Ma jidhirx li japplika l-artiklu 2148(a) ghax dan jirrigwarda l-artigjan li ma jkunx ukoll kuntrattur, bhalma indubbjament hija socjeta’ kummercjali li tforni l-*prestressed concrete slabs.* – ara *Paul Sapienza vs Walter Antignolo, Kollezz. XXIX.iii.187, Qorti tal-Kummerc 05.12.1935* u ghalhekk il-fornitura qe quo agitur taqa’ precizament taht il-perjodu ta’ sentejn ikkontempat fl-artiklu 2149(a), ghax, kif inhu risaput, il-planki normalment ma jkunux lesti minn qabel, imma jigu manifatturati minn kuntrattur skond il-qisien tal-bini li jkun sejjer jissaqqaf. Ghal dan il-kaz, huwa applikabbli sahansitra l-perjodu ta’ tmintax-il xahar ikkontemplat fl-artiklu 2148(b), ghax ghalkemm il-planki inxtraw mis-socjeta’ konvenuta biex jergghu jigu negozjati, b’danakolu inxtrat minnhom kwantita zghira – kif tindika s-somma ta’ LM1,016.81 mitluba fl-avviz tat-talba - aktarx biex iservu ghal post wiehed partikolari, jew, l-iktar, tnejn. Kif inhu stabbilit fil-gurisprudenza, dak li jiddistingwi, ghall-finijiet ta’ dan l-artiklu, operazzjoni “wholesale” minn wahda “retail” mhix daqstant il-professjoni abitwali tax-xerrej, imma l-kwantita tal-oggetti mibjugha: *come bene osservo’ la sentenza della Corte di Commercio di Sua Maesta’ (15.11.1892)… il criterio direttivo per distinguere il grossista dal dettagliatore e’ che il primo vende, per lo piu’, a coloro che commerciano della cosa comprata, mentre il secondo vende per lo piu’, ai consumatori, in piccole quantita’ misurate dal bisogno di costoro;*

*Che pero’ la disposizione sopra citata non ha, pei fini della prescrizione, riguardo alla professione abituale, sia del grossista sia del dettagliatore, ma considera solamente la vendita delle merci o derrate in se stessa; e se questa e’ fatta a minuto cioe’ in piccole partite, essa soggiace alla prescrizione breve di diciotto mesi, sia che venga fatta dal negoziante al dettagliatore sia che da quest’ultimo si faccia al consumatore, potendo darsi il caso che il grossista rivenda in qualche caso particolare le sue merci in dettaglio* – Qorti tal-Appell, 17 ta’ Jannar 1912, *Carmelo Fenech vs Emmanuela Galea*- Kollez. Vol. XXI.i.406. Huwa sinifikattiv dak li xehed l-avukat Dottor

Joseph Ellis, Direttur tas-socjeta' konvenuta, fis-sens li l-prezz ma kienx ta' wholesale, imma ta' retail.

Illi japplikax jew le l-art. 2148(b) jew le hija madanakollu kwistjoni akkademika, ghax in-negozju sar fil-1997 u ghaddew iktar minn sentejn bla ma l-preskrizzjoni giet interrotta. Irrizulta li s-socjeta' attrici damet ma tablet il-hlas lis-socjeta' konvenuta billi dahhlet dan il-kont erronjament f'arrangament ta' tpartit li s-socjeta' attrici kellha mas-socjeta' A.F. Ellis Ltd li m'ghandha x'taqsam xejn mas-socjeta' konvenuta, hlief li zewg diretturi ta' A.F. Ellis inzertaw huma diretturi ta' J.T.E. Limited. Imbaghad, meta Salvu Ellis, direttur iehor ta' A.F. Ellis Ltd, gibed l-attenzjoni li l-fornitura tal-prestressed concrete ma kellhiex x'taqsam mal-barter agreement, jew mas-socjeta A.F. Ellis Ltd, allura General Precast Concrete Ltd irtirat il-kont u bghatilu lil J.T.E. Limited.

Illi jinkombi fuq is-socjeta' attrici li tipprova l-interruzzjoni tal-perjodu preskrittiv. Dak li sar ma' A.F. Ellis Ltd ma tidhol fih xejn is-socjeta' konvenuta, filwaqt illi l-ittra ufficcjali saret biss fl-20 ta' Settembru 2001, ghar-rigward tal-fornitura li saret fil-1997. L-anqas jista' jinghad li Dottor Ellis, ikkuntattjat bit-telefon minn Tonio Farrugia, Company Secretary tas-socjeta' attrici, b'xi mod ammetta li kellu jaghti: *meta cempiltlu bit-telephone, skuza ruhu mieghi ghax ghadu ma rrispondiex ghaliex jaf biha l-bicca xoghol imma ghandu hafna 'pressure of work', ghandu hafna karti u weghdni li se jirrispondini.* Din mhix ammissjoni tad-debitu, li jinhtieg li tkun cara u mhux ekwivoka, kif irriteniet il-Qorti tal-Appell, in re: *Silvio u Catherine Frendo vs Andrew Faenza* deciza fit-2 ta' Gunju 2000. F'dan il-kaz, il-qorti qalet li l-fatt li persuna toffri li tinnegozja "settlement" l-anqas ma tammonta ghal ammissjoni ta' debitu. Dottor Ellis l-anqas biss wasal sa hawn. Fl-istess sens iddecidew il-Prim'Awla *Joan sive Giovanna Lungaro Mifsud nominee et vs Rosaria Felice Gay et* –5.10.1972; u l-Qorti tal-Appell f'decizjoni rappurtata f'Vol. *XXXIII.i.44*.

Di piu', galadarba ma jirrizultax mill-fatti li l-preskrizzjoni giet interrotta, l-ebda interruzzjoni ma tista' tinghad li sehhet (Vol XXX.i.989).

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta u jiddikjara l-azzjoni preskritta.

Spejjez bla taxxa bejn il-partijiet."

Is-socjeta` attrici hassitha aggravata b'din is-sentenza u talbet ir-revoka taghha in bazi ghal dawn l-aggravji:-

(1) Fl-ewwel lok tilmenta li kienu jezistu difetti procedurali. Hi tikkontendi illi l-avviz tas-smiegh tal-kawza ma giex notifikat lilha u dippju illi, ghalkemm deher rapprezentant taghha fil-proceduri, ma nghatatax l-opportunita` tipprepara l-kaz taghha u tipproduci d-dokumenti relatati sabiex tkun tista' tikkumbatti l-preskrizzjoni eccepita.

(2) Fit-tieni lok, l-artikolu tal-preskrizzjoni sollevat mis-socjeta` appellata dwar l-estinzjoni ta' l-azzjoni ma kienx hekk applikabbli ghal kaz. Invece kellu jkun applikabbli d-dispost ta' l-artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili, anke jekk issostni li prova ta' dan trid tingieb fl-isfond ta' l-iskritturi kummercjali u arrangament li saru fid-diversi skritturi.

Is-socjeta` konvenuta appellata tikkontradici lis-socjeta` appellanti dwar il-lanjanzi taghha ta' indoli procedurali u ssostni, fuq kollox, li din kellha kull opportunita` biex iggib il-quddiem il-provi taghha kompriz dik li tattakka l-preskrizzjoni eccepita bil-mezzi procedurali disponibbli.

Minn ezami tal-inkartament processwali din il-Qorti ma ghandha l-ebda ezitazzjoni tirrespingi l-aggravji sottomessi ta' natura procedurali.

Ibda biex il-pink cards esebiti jevidenzjaw bl-aktar mod car illi s-socjeta` appellanti giet notifikata bl-avviz tas-smiegh tal-kawza fit-8 ta' Novembru 2001 u bir-risposta tal-kontroparti fit-28 ta' Novembru 2001.

Jirrizulta wkoll minn semplici skrutinju tal-verbali tas-seduti illi l-istess socjeta` appellanti inghatat l-opportunita` shiha li tressaq il-provi li riedet tressaq, kemm biex topponi l-preskrizzjoni eccepita kif ukoll, jekk riedet, biex tapplika l-gurament decizorju. Kif deciz, "imiss lil parti li kontra taghha l-preskrizzjoni tigi eccepita li tiddiferixxi l-gurament lill-eccipjent. Jekk hi ma tiddiferixxiex il-gurament il-Qorti ma tistax tordnah "ex officio". U la l-gurament ma jkunx gie diferit il-preskrizzjoni ssehh anke minghajru" (**Kollez. Vol XLIX pI p500**).

F'dan il-kaz is-socjeta` appellanti ghazlet li ma taghmelx dan, fis-seduta tad-19 ta' Dicembru 2001 l fiha xehed ukoll Tonio Farrugia, r-rapprezentant taghha. Fic-cirkostanzi, l-Qorti ssib li l-aggravji imqanqla f'dan il-kuntest huma ghal kollox insostenibbli jekk mhux ukoll frivoli u vessatorji.

Kwantu ghall-aggravju fil-meritu, jigi rilevat qabel xejn illi t-Tribunal sab li ghall-kaz kienet taddatta ruhha l-preskrizzjoni ta' tmintax il-xahar kontemplata fl-artikolu 2148(b) tal-Kodici Civili, hekk eccepita ukoll mis-socjeta` konvenuta appellata. Ghall-finijiet ta' l-appell prezenti jidher li l-kontestazzjoni da parti tas-socjeta` appellanti tinvesti proprju fuq l-applikabilita`, o meno, ghall-kaz tal-precitata preskrizzjoni skond l-artikolu 2148(b). Artiklu dan li jiddisponi illi l-azzjonijiet ta' kredituri ghall-prezz ta' merkanzija, oggetti jew hwejjeg ohra mobbli, mibjugha bl-imnut" jaqghu bl-eghluq ta' tmintax il-xahar.

Skond is-socjeta` appellanti l-preskrizzjoni li se mai kellha tkun applikabbli hi dik prevvista fl-artikolu 2156(f) tal-Kap 16. Preskrizzjoni din li tahseb ghall-estenzjoni bid-dekors ta' hames snin "tal-azzjonijiet ghall-hlas ta' kull kreditu iehor derivanti minn operazzjonijiet kummercjali meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skond dik il-ligi jew ligi ohra, taht preskrizzjoni aqsar jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku".

Irid jinghad qabel xejn a skans ta' ekwivoci illi din il-Qorti ma taqbel xejn mal-veduta sottomessa illi l-prova dwar l-applikabilita` jew le ta' din il-preskrizzjoni ghandha bilfors

tigi estratta mid-dokumenti accennati mis-socjeta` appellanti. Invece din il-Qorti ghandha tezamina l-vendita ‘per se’ biex tara jekk hijiex applikabbli l-preskrizzjoni kwinkwennali kif provvdut fl-artikolu 2156(f) sostenuta mis-socjeta` appellanti.

Jinsab deciz illi “din id-disposizzjoni (Art 2156 (f)) ghandha tinqara unitament mal-artikolu 2253 (illum 2148) u ghandha tigi nterpretata bhala li ma tidderogax ghad-disposizzjoni specifikata u partikolari ghall-bejgh bl-imnut espressament kontemplat fih” – “**Adrian Strickland noe -vs- Anthony Sammut**”, Appell Kummercjali, 3 ta’ Gunju 1975.

Gja fuq l-istregwa ta’ sentenzi anterjuri gie enuncjat il-principju illi “ghalhekk fl-art 2148 (b)(gja Art 2253 (b)) taghna, li ma huwiex limitat ghall-bejgh minn kummercjant lill-persuna li ma hijiex fil-kummerc, il-kriterju adoperat mhux korrelat mal-persuni, kummercjanti jew le, involuti fix-xiri, imma huwa, minflok, jekk il-bejgh sarx bl-imnut jew inkella bl-ingrossa” – “**Emanuele Micallef et -vs- Francis Mercieca**”, Appell Kummercjali, 26 ta’ Mejju 1967.

Hekk gie ritenut illi “fir-rigward tal-applikabilita` tal-art 2148(b) il-qorti tiddistingwi ghall-skop ta’ preskrizzjoni bejn il-grossista u d-dettaljatur u tghid li l-ligi ma tharisx lejn dik li tista’ tkun abitwalment il-professjoni tan-negozjant ta’ grossista jew minutant imma thares lejn il-vendita` in kwestjoni per se`” – **Kollez Vol. XLVIII pII p959**; **Vol. XXXV pII p613**.

Dan premess, jinsab stabbilit fid-dottrina illi dak li jiddistingwi l-bejgh bl-ingrossa mill-bejgh bl-imnut huwa l-fatt illi filwaqt li l-grossista principalment kien ibiegh lill-persuni li jinnegozjaw fil-merce mibjugha, l-minutant principalment ibiegh lill-konsumatur fi kwantitajiet zghar skond il-htigijiet tieghu. Ara a propozitu “**Joseph Grech -vs- Domenico Savio Spiteri et**”, Appell, 25 ta’ Mejju 2001. Ghalhekk, kif rimarkat, il-grossista “vende per lo piu` a coloro i quali commerciano della cosa comprata “mentri l-minutant “vende per lo piu` a compratori e in

piccola quantita` misurata al bisogno di costoro” (**Kollez. Vol XXXI pIII p235**).

Jitnissel minn dan illi l-kriterju distintiv hu wiehed relattiv ghax-xorta ta’ bejgh.

Fil-kaz prezenti x-xorta ta’ bejgh li jiddistingwi bejn bejgh “wholesale” u bejgh “retail” hu ben evidenti.

Mid-deposizzjoni ta’ Dr. Joseph Ellis jirrizulta li s-socjeta` konvenuta xtrat il-planki in kwestjoni minghand is-socjeta` attrici, li tipproduci u tbiegh dawn il-planki, biex terga’ tinnegozjahom. Kif taraha din il-Qorti l-ammont involut lanqas jista’ jitqies irrilevanti. Hu ghalhekk car li f’sitwazzjoni simili si tratta ferm aktar minn semplici bejgh ta’ merkanzija bl-imnut u l-fatt jattalja mal-figura guridika ta’ bejgh bl-ingrossa. Ara f’dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet “**Dr. Peter Fenech noe -vs- Medina Food Manufacturing Co. Ltd**”, Appell, 7 ta’ Novembru 1997.

Skond dak rinvenut fis-sentenza fl-ismijiet “**Negte Pio Anastasi noe -vs- Gio Batta Vella**”, Appell Kummercjali, 23 ta’ Mejju 1917 (**Vol XXIII pI p909**), “non e` applicabile nella specie la prescrizione indetta coll’articolo 1912 dell’Ordinanza VII del 1868, invocata dal convenuto, perocche` il credito non e` per prezzo di cose mobili venduti a minuto a senso di quell’articolo, ma si bene per prezzo di merci destinate ad essere rivendute o in natura o dopo di essere state poste in opera, ossia adebite per la lavorazione di opere intraprese per conto di terzi; e tale credito sarebbe soggetto alla prescrizione quinquennale stabbilita coll’articolo 1920 della citata Ordinanze”.

In bazi ghall-principji guridici kollha fuq esposti fir-riferenzi gurisprudenzjali hi l-fehma konsiderata ta’ din il-Qorti illi l-kreditu pretiz ma huwiex inerenti ghall-bejgh bl-imnut. Li jfisser li l-eccezzjoni qasira ta’ tmintax il-xahar eccepita mis-socjeta` konvenuta, u akkolta mit-Tribunal, ma kienetx tghodd ghal kaz.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa’ l-appell interpost u b’hekk tirrevoka s-sentenza appellata tat-Tribunal in

kwantu din laqghet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni brevi a tenur tal-artikolu 2148 (b) tal-Kodici Civili. Fit-termini ta’ l-artikolu 8 tal-Att V ta’ l-1995 l-kawza qed tigi differita ghas-17 ta’ Novembru 2004 ghall-kontinwazzjoni u trattazzjoni tal-meritu.

L-ispejjez gudizzjarji ta’ din l-istanza jitbatew mis-socjeta` konvenuta appellata.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------